MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 1512/2001/1

**Anthony Gafa`.**

**vs**

**Malta Drydocks u b'digriet tas-27 ta' April 2004 il-Qorti awtorizzat lil Saviour Gauci ghan-nom tal-Gvern bhala successur tal-Malta Drydocks jassumi l-atti ta' din il-kawza minflok il-Malta Drydocks.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 7 ta' Settembru 2001 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta minn l-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef fejn gie premess:-

Illi l-attur huwa mpjegat mal-Malta Drydocks u ilu jahdem hemm mill-1958 u llum jokkupa l-kariga ta' *Acting Leading Recorder* u huwa wkoll membru elett mill-haddiema fil-Kunsill tat-Tarzna ghal perijodu ta' sentejn li jaghlqu fi Frar 2002.

Illi fit-23 ta' April 2001 inharget sejha ghall-applikazzjonijiet biex tintela' vakanza ghall-kariga ta' *Leading Recorder: Group 9A/1.*

Illi fit-13 ta' Gunju 2001 il-*Personnel Officer* tat-Tarzna avza lill-attur illi huwa kellu jattendi fil-21 ta' Gunju 2001 biex isir ezami bil-miktub in konnessjoni mal-mili ta' din il-kariga.

Illi fil-31 ta' Awwissu 2001, wara li sar l-ezami bil-miktub kif fuq avzat u wara li gew evalwati t-twegibiet tal-imsemmi ezami, ic-Chairman tat-Tarzna gharraf lill-attur illi *"The Council has discussed this case and after consulting with our legal advisers we have decided that your application for the post of Leading Recorder is not valid because Council Members who are employees of Malta Dry-docks are not eligible for promotions."*

Illi fil-5 ta' Settembru 2001, filwaqt li l-attur rega' gie avzat illi *"With reference to your application for the above vacancy, we regret to inform you that we cannot proceed any further ...",* il-kandidati l-ohra gew infurmati permezz ta' avviz li waslilhom fis-6 ta' Settembru 2001 illi *"With reference to your application for the above vacancy, you are kindly asked to present yourself for an interview on Monday 10th September 2001 ..."*

Illi l-allegazzjoni tat-Tarzna li "*Council Members who are employees of Malta Drydocks are not eligible for promotions*" hija nfondata. Infatti, filwaqt li l-attur dahhal l-applikazzjoni tieghu fl-ewwel erbat ijiem ta' Mejju 2001, qabel it-13 ta' Gunju 2001 meta l-*Personnel Officer* avzah biex jattendi ghal ezami bil-miktub, l-Ing. Anthony Restall, *HR Executive*, kien baghat ghall-attur u ddiskuta mieghu jekk kienx hemm xi mpediment vinkolanti minhabba li hu Membru elett tal-Kunsill tat-Tarzna, u wasal ghall-

konkluzjoni illi ma hemm l-ebda impediment ghall-eligibbilta' tieghu. Barra minn hekk, ma kien inghata l-ebda parir legali kuntrarju ghal din l-applikazzjoni, u kien proprju ghalhekk li l-attur gie accettat biex joqghod ghall-ezami bil-miktub.

Illi minn stharrig li ghamel l-attur irrizulta li l-ebda regolament f’dan is-sens qatt ma gie ppubblikat jew ikkomunikat lill-haddiema tat-Tarzna. Li kien hemm biss huma semplici rakkomandazzjonijiet ta' kif kellu jidderigi ruhu l-Kunsill fid-diskussjonijiet futuri dwar emendi fil-ligi tat-Tarzna, fosthom illi l-ligi tigi emendata biex Membri tal-Kunsill ma jkunux eligibbli ghal promozzjonijiet. Infatti, id-dokument relattiv mhuwiex dokument ufficjali tal-Kunsill izda semplici rapport tat-*Task Force* li twaqqaf fl-1996, li bl-ebda mod ma jista' jitqies bhala dokument vinkolanti jew li ghandu forza ta' regolament. Ghaldaqstant, ma jistax jinghad illi tezisti regola fis-sens illi "*Council Members who are employees of Malta Drydocks are not eligible for promotions*." Din il-posizzjoni legali temergi minn ezami tas-segwenti:-

- **Il-Kapitolu 207 dwar it-Tarzna ta' Malta;**

- **Il-Kapitolu 135, igifieri, l-Conditions of Employment (Regulation) Act;**

- L-Avviz tal-Kummissjoni Elettorali dwar l-Elezzjoni ta' Membru tal-Kunsill tat-Tarzna mahrug fi Frar 2000, u

- Il-Ftehim Kollettiv vigenti fil-Malta Drydocks.

Illi certament wiehed kien jippretendi li regola bhal din tkun inkorporata fil-Ftehim Kollettiv jew tkun komunikata direttament lill-haddiema kollha, li zgur mhux il-kaz. F'dawn kollha, m'hemm l-ebda regola f’dan is-sens.

Illi ghalhekk, ma hemm l-ebda bazi legali biex l-attur jigi kkunsidrat ineligibbli ghal din il-promozzjoni. Illi konsegwentement, jekk il-kandidatura tieghu tigi rigettata kif iddecieda l-Malta Drydocks id-drittijiet tal-attur ikunu qeghdin jigu ppregudikati u tkun qed issir diskriminazzjoni

ingustifikata mieghu kontra l-Kostituzzjoni ta' Malta li mhix accettabbli f'socjeta' demokratika.

Illi fis-6 ta' Settembru 2001 l-attur talab il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni numru 2552/01 li bih talab li l-Malta Drydocks jigi inibit milli jissokta bl-*interview* li ghandu jsir nhar it-Tnejn, 10 ta' Settembru 2001, u bl-ghazla finali f'dan l-istadju, sakemm il-Qorti tiddeciedi dwar l-eligibbilta' tal-attur ghall-hatra.

Illi, *inoltre*, l-ghemil amministrattiv tal-Malta Drydocks jikkostitwixxi abbuz tas-setgha tat-Tarzna bhala awtorita' pubblika kostitwita permezz ta' ligi billi dan sar ghal ghanijiet mhux xierqa jew issejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti.

Illi l-imsemmi ghemil amministrattiv tat-Tarzna jmur mod iehor kontra l-ligi, u ghalhekk huwa *'ultra vires'* ghal xi raguni minn dawn imsemmija fuq.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-entita' konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi l-attur huwa eligibbli biex jigi promoss ghall-kariga ta' Leading Recorder: Group 9A/1 fil-Malta Drydocks.

2. Tiddikjara illi d-decizjoni tal-konvenut Malta Drydocks li tigi rigettata l-kandidatura tal-attur hija illegali.

3. Tiddikjara l-istess decizjoni nulla, invalida u mighajr ebda effett.

4. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-ghemil amministrattiv tal-Malta Drydocks huwa *'ultra vires'* ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmija hawn fuq, fosthom li jmur mod iehor kontra l-ligi, kif hemm mahsub fl-**artikolu 469A tal-Kap. 12**.

5. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-ghemil amministrattiv tal-Malta Drydocks kiser **il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta**, senjatament id-

dritt ghall-protezzjoni minn diskriminazzjoni (**artikolu 45 tal-Kostituzzjoni** u **artikolu 14 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319**).

6. Tordna t-thassir tad-decizjoni tal-konvenut Malta Drydocks illi "*The Council has discussed this case and after consulting with our legal advisers we have decided that your application for the post of Leading Recorder is not valid because Council Members who are employees of Malta Drydocks are not eligible for promotions*."

7. Tordna lill-konvenut Malta Drydocks biex, a bazi tal-evalwazzjoni gia' maghmula tat-twegibiet moghtija fl-imsemmi ezami, jissokta bl-ghazla finali ghall-hatra ta' *Leading Recorder*.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 2552/01, kontra l-intimat Malta Drydocks, li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni flimkien mal-lista tax-xhieda tal-attur a fol. 4 u 6 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef ghas-seduta tad-29 ta’ Novembru 2001.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Malta Drydocks datata 12 ta’ Novembru 2001 a fol. 11 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi l-**artikolu 469 A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili** invokat mill-attur mhuwiex applikabbli billi l-eghmil li qed jilmenta minnu ma huwiex "eghmil amministrattiv", kif definit fl-istess artikolu.

2. Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, *ai termini* tal-**paragrafu (4) tal-artikolu 469A tal-Kap 12**, id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 469A** f’kull kaz m'humiex applikabbli billi l-attur ghandu ghad-dispozizzjoni rimedju ordinarju fuq l-allegat ksur kontrattwali u l-allegat ksur tal-ftehim kollettiv.

3. Illi dwar l-ilmenti kontenuti fil-hames talba attrici, din il-Qorti ghandha tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha *ai termini* tal-**artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**artikolu 4 (2) tal-Att XIV tal-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem** billi l-attur kellu u/jew ghandu mezzi ohra xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat.

4. Illi f'kull kaz l-artikoli tal-**Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikoli tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem** invokati mill-attur mhumiex applikabbli ghall-kaz in ezami, u *inoltre* ma kien hemm ebda ksur tal-istess artikoli.

5. Illi f'kull kaz id-decizjoni mehuda mill-eccepjenti bl-ebda mod ma tikser il-Kostituzzjoni u bl-ebda mod ma hija *ultra vires* ghal xi raguni msemmija fl-**artikolu 469A (b) tal-Kap**, u konsegwentement id-decizjoni tal-eccepjenti kienet fic-cirkostanzi valida u legittima.

6. Illi konsegwentement l-ewwel, it-tieni, it-tielet, is-sitt u s-seba' talbiet attrici ghandhom jigu michuda billi nfondati fil-fatt u fil-ligi.

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-Malta Drydocks a fol. 12 u 13 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef fid-29 ta' Novembru 2001.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-12 ta' Frar 2002 quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat l-affidavit tal-attur (Dok. "AG1") u x-xhieda tieghu tat-12 ta' Frar 2002 (fol.36), 24 ta' Mejju 2002 (fol. 42), 31 ta' Jannar 2003 (fol. 46), 24 ta' Ottubru 2003 (fol. 52), 5 ta' Dicembru 2005

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-24 ta' Mejju 2002 quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna fejn il-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-konvenuti u l-avviz datat 4 ta' Ottubru 2002.

Rat il-verbali tas-seduti tal-31 ta' Jannar 2003, 11 ta' April 2003, 11 ta' Gunju 2003, 24 ta' Gunju 2003, 24 ta' Ottubru 2003, 28 ta' Jannar 2004, 17 ta' Marzu 2004, 20 ta' April 2004, 26 ta' Mejju 2004, 8 ta' Lulju 2004, 2 ta' Novembru 2004, 18 ta' Jannar 2005, 4 ta' Mejju 2005, 21 ta' Gunju 2005, 2 ta' Novembru 2005, mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Noel Cuschieri

Rat ir-rikors ta' Saviour Gauci f'isem il-Gvern bhala successur tal-Malta Drydocks datata 22 ta' April 2004 a fol 67 tal-process fejn talab fil-kwalita' tieghu premessa li jassumi l-atti ta' din il-kawza minflok il-Malta Drydocks u l-Qorti laqghet it-talba b'digriet tas-27 ta' April 2004.

Rat in-nota konvenuta datata 27 ta' Ottubru 2004 (fol. 74) fejn gie esebit l-affidavit ta' l-Inginier Anthony Restall ta' l-istess data (fol. 75) u x-xhieda tieghu tat-2 ta' Novembru 2004, 18 ta' Jannar 2005, 9 ta' Marzu 2005,

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta tal-24 ta' Jannar 2006 fejn il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli sabiex tisma' l-provi kollha li kien fadal; tal-15 ta' Novembru 2006, 27 ta' Marzu 2007, 9 ta' Ottubru 2007, 15 ta' Jannar 2008

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli u x-xhieda quddiemha prodotta nkluzi dik ta' John Cassar White, Chairman tal-Malta Shipyard Limited gia Chairman tal-Malta Drydocks

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur Anthony Gafa` datata 29 ta' Awwissu 2008 a fol. 207 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tat-3 ta' Dicembru 2008.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' Saviour Gauci *nomine* datata 16 ta' Jannar 2009 a fol 229 tal-process.

Rat ir-rikors tal-attur Anthony Gafa` datat 3 ta' April 2009 a fol 242 tal-process fejn talab li jqieghed fl-atti tal-kawza l-faxxikolu intitolat *"The Malta Drydocks Task Force – Minutes and Decisions"*; u l-Qorti, meta rat li ma hemmx oppozizzjoni laqghet it-talba bid-digriet taghha moghti fit-12 ta' Mejju 2009 (fol 245).

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tad-9 ta' Gunju 2009 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Tonio Azzopardi ghall-attur li tratta l-kaz. Dr. Pawlu Lia msejjah diversi drabi baqa' ma deherx u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Novembru 2009 ghas-sentenza.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-attur qed jallega li waqt li huwa kien membru tal-Kunsill tat-Tarzna ghall-perjodu ta' sentejn li kien jaghlqu fi Frar 2002 (Dok. "AR 10), u meta kien ukoll impegat mal-istess azjenda bhala *Acting Leader Recording*, huwa kien applika ghall-post ta' *Leading Recorder* (Dok. "AR 11"), u izda wara li ghamel l-ezami bil-miktub, fil-31 ta' Awwissu 2001 gie avzat mic-Chairman tat-Tarzna, is-Sur John Cassar White, li l-applikazzjoni ma kienitx valida peress li membri tal-Kunsill tat-Tarzna li kienu impjegati wkoll tat-Tarzna ma kienux elegibbli ghall-promozzjonijiet, u dan meta l-istess attur qed jikkontendi li ma kien hemm ebda regolament f'dan is-sens u kull ma kien hemm kienet biss rakkomandazzjoni mit-Task Force li kien twaqqaf fis-sena

1996 sabiex tigi emendata l-ligi relattiva f'dan is-sens, haga li ma kienitx saret fiz-zmien tal-applikazzjoni sottomessa mill-attur u b'dan ghalhekk li bl-imsemmija decizjoni l-istess Malta Drydocks agixxiet illegalment u dan peress li agixxiet *ultra vires* skont kif indikat fl-**artikolu 469A tal-Kap. 12,** u wkoll agixxiet b'mod diskriminatorju fit-termini tal-**artikolu 14 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 u tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta,** u b'hekk talab li tithassar id-decizjoni tal-Malta Drydocks datata 31 ta' Awissu 2001 u l-istess tigi ddikjarata llegali u nulla u bla effett, u tiddikjara li l-istess attur huwa eligibbli ghall-promozzjoni ghall-grad indikat u li applika ghalih u wkoll tordna lill-istess entita' sabiex a bazi tal-evalwazzjoni gja maghmula tat-twegibiet moghtija mill-attur fl-ezami, tissokta bl-ghazla finali ghall-hatra ta' *Leading Recorder*.

Illi jinghad li ghalkemm tqajjmu diversi eccezzjonijiet, fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-intimati qam il-punt jekk l-attur ghadx ghandu interess guridiku f'din il-kawza u dan peress li l-Korporazzjoni Malta Drydocks gie abolita bl-**Att XV tal-2003,** l-attur irtira bl-eta' fl-20 ta' Ottubru 2004, u b'effett mill-25 ta' Novembru 2003 huwa beda jahdem ma' socjeta' ohra b'manzjonijiet differenti minn dak li huwa kellu mal-Malta Drydocks.

Illi jirrizulta wkoll li fl-2002 id-dipartiment tar-*recorders*, u l-post ta' Leading Recorder li huwa kien applika ghaliha u li hija l-mertu ta' din il-kawza spiccaw u gew amalgamati mad-dipartiment tal-pagi bl-isem ta' Payroll & Recorders Office taht it-tmexxija ta' Alfred Mifsud u f'Novembru 2002 inharget sejha ghall-vakanza ta' Section Leader – Payroll and Recorders Department (Dok. "AR 11"), li l-attur stess applika ghaliha, anke ghaliex kien eligibbli ghall-istess peress li kien spicca minn kunsillier fi Frar 2002 (izda mbaghad ma ghamilx l-ezami bil-miktub ghaliex kiteb (Dok. "AR 13") li kien ghadu jistenna li jsirlu interview u jinhareg rizultat ghall-post li kien applika ghalih ta' Section Leader fil-21 ta' Gunju 2001, mertu tal-kawza odjerna u kkopja l-karta tal-ezami (Dok. "AR 14") u b'rizultat ta' dan kellu rizultat negattiv ghall-ezami tieghu (Dok. "AR 15").

Illi fil-fatt huwa llum stabbilit li l-punt ta' nuqqas ta' interess guridiku jista' jitqajjem mill-Qorti *ex officio* (**"Jimmy Sacco vs Francis Mallia"** – P.A. (RCP) – 31 ta' Jannar 2008); (**"Kevin Chircop vs Joseph Chircop"** - A.C. - 1 ta' Dicembru 2006); **"Francis Schembri vs Angelina sive Lina Schembri"** – M (Ghawdex) A. E - 2 ta' Novembru 2007); **"Veronique Amato Gauci et vs Marco Zammit et"** (A.I.C. (PS) – 19 ta' Mejju 2004) u dan peress li l-kuncett ta' interess guridiku huwa wiehed ta' ordni pubbliku, u l-Qrati ghandhom jaraw li l-ebda kawza ma tista' ssir jew titkompla meta l-ezitu ma jkunx jirrigwardjah, jew bl-ebda mod ma jkun ser jaghtih vantagg.

Illi *in vista* ta' dan din il-Qorti thoss li hija ghandha tinvesti dan il-punt b'dan li l-attur ghandu jipprova li l-azzjoni kienet ser taghtih xi rizultat vantaggjuz u dan l-interess guridiku ghandu jibqa' jissussisti tul l-azzjoni kollha, u dan ghaliex tali nteress guridiku huwa rekwizit imprexindibbli ta' kull azzjoni li ghandu jkun hemm interess f'min jipproponi l-kawza (**"Emanuel Borg vs Joseph Borg et"** (P.A. (RCP) – 27 ta' April 2006) tant li fis-sentenza "**J Muscat et vs R Buttigieg et**" (27 ta' Marzu 1990 – Vol LXXIV.iii.481) inghad li:-

*"L-interess irid ikun a) guridiku, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta' l-ezistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tieghu: b) dirett u personali: fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, hlief fl-azzjoni popolari; c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f'kondizzjoni posittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur."*

Illi fil-fatt, fil-kawza "**Emilio Persiano vs Il-Kummissarju tal-Pulizija fil-kwalita` tieghu bhala Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni"** (P.A. (JRM) - 18 ta' Jannar 2001), il-Qorti qalet hekk:-

*"Illi ghal bosta snin il-Qrati taghna fissru li l-elementi mehtiega biex isawru nteress ta' l-attur f'kawza huma tlieta, u jigifieri li l-interess irid ikun guridiku, li l-interess irid ikun dirett u personali u li dak l-interess ikun attwali. B' ta' l-ewwel, wiehed jifhem li dak l-interess ghandu jkollu mqar iz-zerriegha ta' l-ezistenza ta' jedd u l-htiega li tilqa' ghal kull attentat ta' ksur tieghu minn haddiehor. Dan l-interess m'hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku [ara per ezempju, Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Falzon Sant Manduca vs Weale**", maqtugha fid-9 ta' Jannar 1959, Kollezz. Vol XLIII.i.I].*

*Illi minbarra dawn l-elementi, gie mfisser ukoll li biex wiehed ikollu interess li jiftah kawza, dak l-interess (jew ahjar, il-motiv) tat-talba ghandu jkun konkret u jezisti fil-konfront ta' dak li kontra tieghu t-talba ssir [ara, per ezempju, sentenza ta' din il-Qorti (PASP) moghtija fit-13 ta' Marzu 1992, fil-kawza fl-ismijiet "**Francis Tonna vs Vincent Grixti**", Kollezz. Vol LXXV1.iii.592]."*

*Illi fis-sentenzi **"M Bond vs C Mangion et" u "A Calleja vs O Micallef"** (1 ta' April 1992 – Vol LXXVI.ii.247) gie spjegat li:-*

*"Fost ir-rekwiziti ta' l-interess guridiku hemm dak li l-istess irid ikun attwali, cioe` dak li Mortara jiddefinixxi bhala "la utilita` finale della domanda giudiziale sul tema dell'asserita esistenza e violazione di un diritto". Jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci rizultat vantaggjuz jew utili ghal min jipproponiha jew jekk ir-rizultat, jew sentenza, ma jkunx jista' jigi uzufruwit, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta."*

Illi fis-sentenza mbaghad tas-17 ta' Frar 1993, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet "**Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard**" qalet li:-

*"L-interess guridiku, huwa risaput, irid jissussisti matul il-hajja ta' l-azzjoni. Meta dan l-interess tal-kumpanija attrici naqas, il-konsegwenza immedjata hija li l-konvenut ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju. Il-Qorti, da parti taghha, ma tistax tkompli bil-gudizzju sakemm il-*

*konvenut stess ma jurix li huwa ghandu nteress guridiku li jottjeni sentenza kontra l-attur, li dak l-interess m'ghandux."*

Illi din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenza: "**Micallef vs Pisani**" qalet:-

*"Illi l-Qrati taghna fissru wkoll li l-interess ta' parti li tiftah kawza jrid jibqa' jintwera tul il-kawza kollha ghaliex jekk tali nteress jigi nieqes, il-kawza ma tkunx tista' tissokta".*

Illi dan il-principju gie kkonfermat fil-kawza fl-ismijiet **"George Laferla et vs Joseph Lauri *et nomine*"** (P.A. (TM) 2 ta' Mejju 2002) fejn inghad li:-

*"Huwa risaput li l-interess ta' l-attur f'kawza jrid jibqa' jissussisti matul il-hajja ta' l-azzjoni, ghaliex jekk tali interess jigi nieqes il-kawza ma tkunx tista' tissokta (ara "Calleja vs Micallef" deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' April, 1992, u "Sammut vs Attard" deciza wkoll mill-istess Qorti ta' l-Appell fis-17 ta' Frar 1993)".*

Illi fis-sentenza **"Onor. E. Fenech Adami vs Dr. George Abela et"** (A.C. (JSP) – 6 ta' Ottubru 1999 – Vol. LXXXIII. Ii.331) l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sostniet:-

*"Illi d-definizzjoni accettata fil-gurisprudenza nostrana ta' interess guridiku hija dik tal-Mortara li jghid li l-interess guridiku huwa 'l'utilita' finale della domanda giudiziale nel tema dell'asserita esistenza o violazione del diritto'. Illi ghalkemm fis-sistema taghna tista' tinghata dikjaratorja huwa rekwizit essenzjali li jkun hemm dritt legali li jkun il-bazi li bih l-attur ikun jista' jippromwovi u jitlob l-accertament tieghu permezz ta' l-awtorita' gudizzjarja".*

Illi hekk ukoll fis-sentenza **"Alexander Eminyan vs John Mousu' pro et noe et"** (A.C. 28 ta' Frar 1997 - Vol. LXX1. ii.429) l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sostniet li l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur u f'dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir

abbuziv u llegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir. Illi l-istess dikjarazzjonijiet gew affermati fis-sentenza fl-ismijiet **“Saviour Scerri et vs Salvu Farrugia et”** (P.A. (RCP) l-1 ta’ Ottubru 2002 u **“Simon Debono vs H.S.B.C. p.l.c.”** (P.A. (RCP) – 27 ta’ Gunju 2002).

Illi tenut kont tal-fatt li l-Malta Drydocks illum ma ghadhiex tezisti u li l-attur irtira mix-xoghol bl-eta’ fis-sena 2004 (fol. 54), u li t-talbiet ghat-thassir tad-decizjoni mehuda fil-konfront tal-attur jistghu jwasslu skont it-talbiet attrici stess biss sabiex il-Malta Drydocks, (jew is-successur taghha), jevalwa t-twegibiet moghtija fl-imsemmi ezami li ghamel l-attur u dan sabiex titkompla l-ghazla finali ghall-hatra ta’ *Leading Recorder*, u dan meta tali posizzjoni ma ghadiex tezisti, u dan kif kien jirrizulta mix-xhieda tal-attur stess tal-24 ta’ Mejju 2002 (fol. 43) ghaliex l-ewwel id-dipartiment tar-r*ecorders* gie amalgamat fid-dipartiment tal-pagi (fol.63), u wara ghaliex l-istess azjenda waqfet topera, u wkoll ghaliex irtira fil-mori tal-kawza mill-impjieg tieghu mal-entita’ konvenuta, mela allura din il-Qorti thoss li l-attur ma ghadx ghandu interess guridiku fil-kawza u fit-talbiet kif minnu proposti u ghalhekk l-azzjoni attrici qed tigi michuda minhabba karenza ta’ interess guridiku.

Illi ghall-grazzja tal-argument jinghad li anke jekk l-azzjoni attrici tigi ezaminata fil-kuntest tal-eccezzjoni moghtija mill-entita’ konvenuta fis-sens li d-decizjoni taghha ma tikkwalifikax bhala “ghemil amministrattiv skont l-**artikolu 469A tal-Kap. 12,** jinghad li l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi.

Illi fil-fatt skont id-disposizzjonijiet legali *“ghemil amministrattiv”* huwa definit bhala *“l-hrug ta’ kull ordni, licenza, permess, warrant jew ir-rifjut ghal talba ta’ persuna li jsir minn awtorita’ pubblika, izda ma tinkludix xi haga li ssir bil-ghan ta’ organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita”* u din il-Qorti thoss li jidher car mill-fatti tal-kaz li l-kawza odjerna tirrigwarda kaz ta’ applikazzjoni ta’ mili ta’ post fl-azjenda konvenuta, li kienet tfisser promozzjoni ghall-istess attur, li

gie skwalifikat mill-istess minhabba regola adottata (allegatament) mill-Kunsill tat-Tarzna li tinibixxi membri tal-Kunsill li jigu promissi ghal xi kariga fiz-zmien li jkunu jokkupaw tali kariga ta' Kunsill; allura din il-Qorti thoss li din il-misura kienet intiza bi skop ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna ta' awtorita' pubblika u allura ma hijiex sindikabbli minn din il-Qorti u lanqas taqa' taht id-definizzjoni ta' ghemil amministrattiv skont l-**artikolu 469A tal-Kap. 12.**

Illi konformament ma' dan hemm is-sentenzi tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Denis Tanti vs Prim Ministru et"** (A.C. – 16 ta' Novembru 2004) u ta' din il-Qorti diversment presjeduta fl-ismijiet **"Edward Falzon vs Kummissarju tal-Pulizija"** (P.A. (AJM) – 22 ta' Jannar 2002) fejn inghad li l-ghoti ta' promozzjonijiet ma jikkawlifikawx bhala att amministrattiv suggett ghal stharrig gudizzjarju skont il-ligi ghaliex dan jammonta ghall-att intern li ghandu jithalla fid-diskrezzjoni tal-awtorita' bil-ghan ta' amministrazzjoni interna u ezercizzju ta' organizzazzjoni tal-istess.

Illi fl-ahharnett anke jekk ghal grazzja tal-argument dan kollu kellu jigi ghall-mument injorat u l-kaz jigi ezaminat ukoll fil-mertu din il-Qorti thoss, li wara li ezaminat fid-dettal il-provi kollha prodotti, thoss li l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi. Fil-fatt jirrizulta li l-azjenda ntimata, fost id-diversi eccezzjonijiet minnha sollevati, eccepiet ukoll fil-mertu li r-rakkomandazzjoni tat-Task Force ta' Malta imwaqqfa mill-Gvern fl-1996 kienet *inter alia* rrakomandat fir-rapport taghha (Dok. "AR06") li tigi adottata regola li *"ebda kunsillier ma jista' jibbenifika minn promozzjoni waqt li jkun qieghed jokkupa din il-kariga",* u peress li l-istess decizjoni giet adottata mill-Kunsill tat-Tarzna fis-seduta tad-29 ta' Mejju 1997 (Dok. "AR07") bhala *policy* ufficjali taghha, hija minn dak in-nhar dejjem adottat u applikat l-istess regola tant li dejjem agixxiet konformi mal-istess inkluz fil-kaz tal-attur u ghalhekk hija agixxiet skont il-ligi.

Illi fil-fatt mill-provi prodotta jirrizulta li kienet saret tali rakkomandazzjoni mit-Task Force tat-Tarzna appuntata

mill-Gvern li kienet qed tagixxi taht it-tmexxija tac-Chairmanship ta' dak iz-zmien l-Avukat Dr. George Abela, (llum l-Eccellenza tieghu l-President ta' Malta) u dan kif jirrizulta mir-rapport relattiv (Dok. "AR06" (fol. 84) u fol. 106), u li tali rakkomandazzjoni kienet giet approvata mill-Kunsill tat-Tarzna fil-laqgha tad-29 ta' Mejju 1997 (Dok. "AR07" – fol. 87).

Illi konsegwenti ghal dan fit-30 ta' Awissu 2001 (Dok. "AR 5") saret laqgha mill-Kunsill tat-Tarzna (taht it-tmexxija tac-Chairman is-Sur John Cassar White, u fil-presenza tal-membri s-Sunjuri G. Borg, L. Ciantar, E. Ellul, V. Laviera, u Dr. J. Micallef Stafrace, (waqt li l-attur irtira mill-laqgha waqt id-diskussjoni tal-istess)) li wara li kkonfermat li kienet saret din ir-rakkomandazzjoni *de quo* mit-Task Force, u li tali rakkomandazzjoni giet effettivament adottata mill-Kunsill tat-Tarzna fil-laqgha li saret fid-29 ta' Mejju 1997 (C/10/97), gie deciz li tali regola kienet applikabbli ghall-kaz tal-attur b'dan li allura huwa ma kienx eligibbli ghal tali promozzjoni, anke peress li tali regola ma kellhiex tinbidel b'mod retroattiv (xhieda ta' John Cassar White tal-15 ta' Gunju 2007).

Illi b'rizultat ta' dan tali decizjoni giet ikkomunikata lill-attur b'ittra datata 31 ta' Awissu 2001 mis-Sur John Cassar White, Chairman tat-Tarzna (Dok. "AR08'), u giet ikkonfermata wkoll b'ittra datata 5 ta' Settembru 2001 mill-Inginier Anthony Restall bhala *Human Resources Executive* tal-istess azjenda.

Illi jirrizulta wkoll li l-istess Sur John Cassar White qal b'mod mill-iktar kategoriku (fol. 193) li l-maggoranza tar-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force gew adottati mill-Kunsill tat-Tarzna (fol. 193), u dik mertu tal-kawza odjerna kienet certament wahda minnhom, tant li ghalhekk agixxa kif agixxa fil-konfront tal-attur. L-istess hija l-posizzjoni u x-xhieda tal-Inginier Anthony Restall.

Illli jirrizulta wkoll li kif inghad aktar 'il fuq l-istess posizzjoni li kien applika l-attur b'effett mis-7 ta' Marzu 2002 (xhieda ta' Anthony Restall tat-18 ta' Jannar 2002 – fol. 122) ma baqghetx tezisti minhabba ri-organizzazzjoni

li sehhet fit-Tarzna anke fis-sena 2002 (ara ukoll xhieda ta’ John Cassar White – 15 ta’ Gunju 2007), u wara li l-attur innifsu applika ghall-posizzjoni gdida fid-dipartiment il-gdid, huwa baqa’ jsostni l-posizzjoni tieghu kif fuq indikat, bir-rizultat li ma kkwalifkax ghall-posizzjoni ta’ *Section Leader fil-Payroll and Recorders’ Department* (Dok. “AR 15”). Dan kollu jinsab ikkonfermat mill-affidavit tal-imsemmi Inginier Anthony Restall datat 27 ta’ Otturbu 2004 u x-xhieda tieghu (2 ta’ Novembru 2004 u 18 ta’ Jannar 2005) u d-dokumenti minnu esebiti li saret riferenza ghalihom f’din il-kawza.

Illi minn dan kollu din il-Qorti thoss li gie ppruvat li l-azjenda konvenuta agixxiet skont ir-regoli li approva l-Kunsill tat-Tarza fis-seduta tad-29 ta’ Mejju 1997, u li fil-fatt minn meta ghaddiet l-istess regola dejjem giet implimentata. Jirrizulta wkoll li r-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force tat-Tarzna kienu taz-zewg tipi, u cjoe’ parti minnhom li setghu jigu mplimentati biss permezz ta’ emendi fil-ligi, u ohrajn li kienu jirrigwardaw il-hidma u l-organizzazzjoni interna tal-istess impriza u r-relazzjoni taghhom mal-impjegati taghha, u f’dan l-ahhar kaz ma kienx hemm bzonn emendi fil-ligi, u ghalhekk kien bizzejjed sabiex l-istess jigu adottati mill-Kunsill tat-Tarzna. Din il-Qorti thoss li l-kaz odjern huwa wiehed minn dawk li tali rakkomandazzjoni sabiex tkun effettiva u tigi applikabbli, kellha biss tigi adottata (f’dan il-kaz) mill-Kunsill tat-Tarzna hekk kif gara fil-kaz in ezami, u ghalhekk din il-Qorti thoss li anke jekk l-**artikolu 469A tal-Kap. 12** seta’ kien applikabbli ghall-kaz odjern, jirrizulta li t-Tarzna ta’ Malta ma agixxietx la *ultra vires* minhabba abbuz ta’ setgha, u lanqas agixxiet kontra l-ligi, b’dan li ma jistax jinghad li d-decizjoni mehuda minnha fil-konfront tal-attur hija b’xi mod nulla ghaliex tmur kontra l-ligi.

Illi dwar l-punt ta’ allegata diskriminazzjoni fil-kuntest tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, din il-Qorti thoss li l-kawza kif maghmula ma hijiex dik ghar-rimedju kostituzzjonali, tant li *se mai* l-attur kellu jagixxi bi procedura *ad hoc* sabiex jadixxi l-Qorti fil-kompetenza taghha Kostituzzjonali sabiex tuza l-kompetenza taghha dwar l-istess; izda dan l-ezercizzju ma jistax isir fil-kors ta’

kawza civili normali fil-kuntest ta' stharrig amministrattiv, u dan peress li l-azzjoni taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 469A tal-Kap. 12** u dawk ghar-rimedji kostituzzjonali huma ben distinti u separati minn xulxin.

Illi dan apparti l-fatt li ma jirrizultax mill-provi li kien hemm xi element ta' diskriminazzjoni fit-termini ta' ksur ta' drittijiet tal-bniedem, tant li bl-ebda mod ma jista' jinghad li gew sodisfatti l-elementi ta' diskriminazzjoni anke a bazi tal-artikoli citati u l-gurisprudenza nostrali mhux lanqas jekk wiehed jikkonsidra l-elementi necessarji sabiex tirnexxi tali allegazzjoni ta' diskriminazzjoni kif indikati fil-kawzi fl-ismijiet **"Dr. Victor Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim'Ministru"** (Q.K. 31 ta' Mejju 1999) u **"Dr. Walter Cuschieri vs Prim Ministru"** (Q.K. – 30 ta' Novembru 1977). Ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu michuda.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tiddikjara li l-attur illum ma ghadx ghandu nteress guridiku sabiex jippromwovi u jinsisti fuq it-talbiet attrici, u filwaqt li fi kwalunkwe kaz hija qed **tilqa' l-eccezzjonijiet tal-entita' konvenuta** in kwantu l-istess eccezzjonijiet huma konformi ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet attrici** ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------